MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2006

Talba Numru. 1637/2003

**Camelcold Limited**
**vs**
**Joseph Agius ezercenti that l-isem Kassis Pizzeria**

It-Tribunal

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas ta' sitt mija tnejn u disghin lira Maltija u centezmu (Lm692.01) rapprezentanti prezz ta' xoghol u materjal esegwiet lill-konvenut, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez.

Ra r-risposta tal-konvenut li permezz taghha, preliminarjament eccepixxa l-preskrizzjoni, u minghajr pregudizzju li l-ebda ammont m'hu dovut minnu.

Ra s-sentenza mghotija fit-13 ta’ Mejju 2005 li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u gie ordnat il-prosegwiment tal-kawza.

Ra d-dokumenti esebieti.

Sema x-xhieda ta’ Joseph Agius, Doris Buhagiar, Joseph Camilleri u Charles Camilleri.

Ikkunsidra.

L-ammont pretiz mis-socjeta attrici huwa ta’ sitt mija tnejn u disghin lira Maltija u centezmu Lm692.01 (ghalkemm f’l-ewwel faccata ta’ l-Avviz l-ammont mitlub huwa market bhala sitt mija tnejn u disghin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm692.75) fil-korp ta’ l-Avviz u cioe fit-tieni pagna l-ammont mitlub huwa ndikat bhala sitt mija tnejn u disghin lira Maltija u centezmu {Lm692.01}). Dan l-ammont ta’ sitt mija tnejn u disghin lira Maltija u centezmu (Lm692.01) jidher ukoll mill-*invoice* a fol 29 tal-process li jindika x’jirraprezenta dan l-ammont.

Jidher li l-kontestazzjoni vera tal-konvenut dwar dan il-kont kien *item* wiehed u cioe il-mitt lira (Lm100) ghall-*gas battery*. Fix-xhieda tieghu mghotija f’l-1 ta’ Marzu 2005 il-konvenut qal li meta rcieva l-kont huwa oggezzjona ghal *item* wiehed u cioe dak li prezzu huwa Lm100; ghalkemm huwa jiddiskrivih bhala pajp tal-gas fix-xhieda, l-item li prezzu huwa Lm100 f’l-invoice huwa l-*gas battery*. Meta mbaghad huwa xehed fil-25 ta’ Jannar 2006, il-konvenut indika li kellu lmenti dwar l-ite*m*s kollha ta’ l-*invoice*.

Joseph Camilleri, rapprezentant tas-socjeta attrici, jghid li meta rcieva l-kont il-konvenut kien ilment dwar din il-mitt lira biss. Ir-rapprezentanti tas-socjeta attrici fil-fatt kienu ghalhekk offrew li jnehhu din il-*gas battery* u jaqtaw il-mitt lira relattiva pero l-konvenut ma accettax u baqa ma hallas xejn mill-ammont pretiz.

Jirrizulta mill-atti bhala fatt mhux kontestat li meta l-konvenut inkariga lis-socjeta attrici biex taghmel ix-xoghol

il-partijiet ma ftehmux fuq il-prezz li ghalhekk kellu jigu stabbilit wara.

Mill-atti pero jirrizulta li l-ammonti pretizi mis-socjeta attrici huma gustifikati kollha gustifikati nkluz dawk il-mitt lira relattivi ghall-*gas battery*.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta’ sitt mija tnejn u disghin lira Maltija u centezmu (Lm692.01) b’l-imghaxx u l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------